Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2012AE

**Nazzareno Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta CareMalta Limited (C28382)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

L-Erbgha, 2 ta' Dicembru 2015.

Il-Kumissarju tat-Taxxi, appellant, appella minn sentenza li nghatat fit-30 ta' Mejju 2014 mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u li biha giet revokata l-likwidazzjoni maghmula minnu fir-rigward ta' kuntratt ta' bejgh tal-25 ta' Mejju 2011 pubblikat min-nutar Dr Anne Marie Tonna. B'dak il-kuntratt is-socjeta Caremalta Group Limited xtrat il-fond numru 67, Montefiorelae, Triq il-Vittorja, Qormi (fol. 38). Il-prezz kien ta' €93,175. Fil-kuntratt jinghad li l-prezz thallas ghaliex Caremalta Group Limited kienet obbligat ruhha li tipprovdi kura, residenza u assistenza sal-mewt lill-omm il-venditrici; *"Ghal kull buon fini u interessi tal-ligi qieghed jigi dikjarat illi l-kumpannija kompratrici sejra tobbliga lill-kumpannija Care Malta Limited sabiex tipprovdi dan is-servizz. L-istess Natalie Briffa u Nazzareno Vassallo qeghdin jidhru wkoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Care Malta Limited (C14660), li qed taccetta dan l-inkarigu"* (fol. 39). Fl-avviz ta' trasferiment li nghata lill-appellant (fol. 48) jinghad li l-persuna li lilha sar it-trasferiment kienet Care Malta Group Limited (C28382).

Fl-24 ta' Jannar 2012 l-appellant hareg avviz kontra Caremalta Ltd (C28382) sabiex thallas taxxa u taxxa addizzjonali fir-rigward tal-imsemmi kuntratt. Waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 it-Tribunal osserva:

*".... li filwaqt li mill-kuntratt ta' l-akkwist mertu ta' dawn il-proceduri jidher li l-immobbli trasferit gie akkwistat minn Care Malta* (recte, Group) *Limited C28382 u l-korrispondenza kollha sussegwenti bejn il-partijiet inkluz l-avviz ta' likwidazzjoni meritu ta' dawn il-proceduri huma ndirizzati lil u minn Care Malta Limited C14660".*

F'dak l-istadju d-difensur tar-rikorrenti ddikjara:-

*"Dr Aldo Vella ghas-socjeta rikorrenti Care Malta Ltd in vista ta' dan il-fatt isostni ulterjorment bhala raguni addizzjonali ghal dawk gia dedotti fir-rikors tal-Appell illi l-likwidazzjoni tat-Taxxa u Taxxa Addizzjonali mertu ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu mhassra minn dan il-Board ghaliex is-socjeta li fil-*

*konfront taghha nhareg l-avviz ta' likwidazzjoni ma kinitx parti fil-kuntratt tal-25 ta' Mejju 2011 la bhala kompratrici u lanqas bhala venditrici".*

It-Tribunal iddecieda:-

*"L-avviz ta' likwidazzjoni huwa dokument importanti in kwantu, meta finali u konklussiv, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Bhala tali irid jigi redatt bi precizjoni b'mod li ma jkunx hemm ekwivoci dwar l-identita tal-persuna fil-konfront ta' liema johloq stat. Bl-istess mod kif persuna fizika, f'dokument bhal mhu l-avviz in ezami, ghandha tigi identifikata b'isimha u mhux dak ta' haddiehor, hekk ukoll persuna guridika, f'dan il-kaz kumpannija, ghandha tigi identifikata b'isimha u mhux dak ta' haddiehor. In-numru ta' registrazzjoni ta' kumpannija, bhan-numru tal-karta ta' identita fil-kaz ta' persuna fizika, ma jista qatt jissostitwixxi l-isem imma huwa ntiz biss bhala konferma tal-identita ta' dik il-persuna li trid tkun giet identifikata l-ewwel u qabel kollox permezz ta' isimha.*

*Illi da parti taghha s-socjeta appellanti tikkontendi li l-avviz in ezami gie ndirizzat lilha (Care Malta Limited) pero ladarba ma kinitx parti mill-kuntratt ta' bejgh (fis-sens li hija m'akkwistat l-ebda proprjeta) dak l-avviz ta' likwidazzjoni ghandu jithassar ghaliex l-ebda taxxa mhi dovuta minnha.*

*Illi kif diga' aktar 'l fuq huwa isem il-persuna (irrispettivament minn jekk hiex persuna fizika jew persuna guridika) li jidentifikaha; ghalhekk it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta appellant li l-avviz in ezami gie ndirizzat lilha u qed jimponi obbligi fiskali fuqha.*

*Illi pero mill-kuntratt ta' bejgh a bazi ta' liema giet likwidata taxxa u taxxa addizzjonali (ezebit in atti bhala Dok NV3 a fol. 37) jirrizulta ampjament li s-socjeta appellanti la bieghet u lanqas akkwistat xi proprjeta immobbli (jew ta' xort'ohra) permezz tieghu. Ghalhekk it-trasferiment li sehh permezz ta' dak il-kuntratt ma seta' qatt ipoggi xi oneru fiskali (naxxenti mill-Kapitolu 364) fuq is-socjeta appellanti; isegwi li qatt ma setghet tigi mposta taxxa u taxxa addizzjonali ai termini tal-Kapitolu 364 fuq is-socjeta appellanti.*

*Ili konsegwentement kull likwidazzjoni ta' taxxa fil-konfront tas-socjeta appellanti b'rabta mal-kuntratt datat 25 ta' Mejju 2011 ghandha tigi mhassra hekk kif ghandha tigi mhassra d-decizjoni li permezz taghha cahad l-oggezzjoni tas-socjeta appellant ghal dik il-likwidazzjoni".*

L-aggravji tal-appellant huma li:

1. Ma sarx zball mill-appellant fil-hrug tal-avviz ta' likwidazzjoni ghaliex l-avviz inhareg kontra Caremalta Limited, li hi l-kumpannija identifikata bin-numru C28382;
2. It-Tribunal naqas milli jaghti l-importanza xierqa lin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija li deheret bhala x-xerrejja fuq l-att.

L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri u wara li rat l-atti tosserva:-

1. Fil-kuntratt tal-akkwist gie ddikjarat li x-xerrej hi Caremalta Group Limited (C28382). Madankollu jirrizulta li n-numru ta' registrazzjoni ta' din il-kumpannija hu C15462 u mhux dak dikjarat fl-att.

2. Bhala fatt jirrizulta li l-kumpannija bin-numru ta' registrazzjoni C28382 ghandha l-isem ta' Caremalta Limited.

3. Ghaldaqstant, in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija akkwirenti li jissemmew fil-konvenju u fil-kuntratt ta' bejgh huma zbaljati.

4. L-avviz ta' likwidazzjoni mahrug mill-appellant hu fil-konfront ta' Caremalta Limited (C28382). Pero' mill-kuntratt ta' bejgh tal-25 ta' Mejju 2011, jirrizulta li:-

   i. Caremalta Limited ma xtratx proprjeta;
   ii. Caremalta Limited deheret fuq l-att biss bhala parti li obbligat ruhha li taghti kura u residenza lill-omm il-venditrici.

5. Ghalkemm fil-kuntratt tax-xiri in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija li xtrat il-proprjeta gie ddikjarat li hu C283282, dan ma jwassalx ghal konkluzjoni li l-fond inxtara minn Caremalta Limited. Fl-att ta' bejgh u avviz ta' trasferiment hu dikjarat li l-akkwirenti kienet Caremalta Group Limited. Caremalta Limited (C28382) ma xtrat xejn. Ghalhekk 'il fatt li d-dettalji ta' Caremalta Limited gew indikati b'mod korrett fl-avviz ta' likwidazzjoni, m'ghandu l-ebda effett gialadarba dik il-kumpannija ma xtrat xejn. Ghaldaqstant, ma tistax tigi ordnata thallas taxxa u taxxa addizzjonali b'riferenza ghall-att pubblikat fil-25 ta' Mejju 2011. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel mal-appellata li fit-twegiba qalet:-

   *"Ghaldaqstant huwa palesi li m'hemm l-ebda taxxa, jew addirittura taxxa addizzjonali x'tithallas minn Caremalta Limited stante li din m'akkwistat l-ebda proprjeta permezz tal-precitat kuntratt"*.

6. Il-qorti ma taqbilx li n-numru ta' registrazzjoni hu dak li ghandu jiddetermina min kien ix-xerrej. Fil-kuntratt jinghad espressament li x-xerrej kienet Caremalta Group Limited, filwaqt li Caremalta Limited assumiet obbligazzjoni li toffri kura u assistenza lill-omm il-venditrici. Jekk l-appellat kellu xi dubju, kellu kull opportunita' li jaghmel verifiki qabel hareg l-avviz ta' likwidazzjoni. M'huwiex l-appellant li jiddetermina min hu x-xerrej izda l-kuntratt ta' xiri.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.